# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 20 t' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 192/2016 PM1**

**Trevor Thomas (PP Nru 099161186), Raymond Farrugia (K.I. 778460(M)), Marlene Mizzi (K.I. 26660(M)), Franca Grima (K.I. 27951(G)), Charles Falzon (K.I. 883847(M)), Stephen Muscat (K.I. 434348(M)), Walter Hohhmann (K.I. 13378(A)), Adriano Foraboschi (K.I. 23930(A)), Tancred Mizzi (K.I. 557153(M)), Pius Camilleri (K.I. 967650(M)) a nom u in rappresentanza ta' Ideal Constructions Co. Ltd (C7530)**

**Vs**

**Jose Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Mejju, elfejn u sittax (2016) fejn jigi mitlub li dan it-Tribunal jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf, mija u hamsin euro (€1,150) rapprezentanti kontribuzzjonijiet annwali

ghall-manutenzjoni tal-partijiet komuni u kontribuzzjonijiet ohra fil-blokk appartamenti bl-isem ‘The Rocklands’ Blokk 3, ta’ Triq Stella Maris, Sliema bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-18 ta’ Novembru, elfejn u hmistax (2015) kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-tnax (12) t’Ottubru, elfejn u sittax (2016).

Sema lir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici li kkonfermat li l-ammont kif mitlub kien u ghadu dovut kif mistqarr permezz tal-avviz odjern u li ma sar ebda hlas da parti tal-intimat minkejja interpellazzjonijiet f’dan is-sens.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Peress illi jirrizulta t-talba hija gustifikata in vista tax-xhieda surreferita u l-ammont jirrizulta pruvat u dovut mill-intimat lill-atturi permezz tal-istess xhieda surreferita.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta’ elf mija u hamsin euro (€1150) bl-ispejjez legali u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-avviz lill-istess intimat ossija mit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru, elfejn u sittax (2016) sad-data tal-hlas effettiv.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**